15 ta' Marzu, 1965

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Josephine mart Carmelo Azzopardi

*versus*

L-istess żewġha Carmelo Azzopardi, et

## SEPARAZZJONI TAL-BENI

*Meta il-mara titlob is-separazzjoni tal-beni minħabba l-biża li l-beni ta' żewġha ma jkunux suffiċjenti biex jiggarantula l-ħlas tad-dotarju, hija għandha tipprova li dina l-insuffiċjenza ġrat wara ż-żwieġ, u li kellha bħala kawża tagħha d-disordini fl-affarijiet ta' żewġha.*

*Meta ma jiġux pruvati dawn iż-żewġ kondizzjonijiet, ma hemmx lok għas-separazzjoni tal-beni.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — peress illi l-konvenut Carmelo Azzopardi, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paolo Pellegrini Petit tal-31 ta' Ottubru, 1951 (esibit mal-atti tal-kawża fl-ismijiet fuq indikati kanċellata b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Ottubru, 1961) ikkostitwixxa favur martu, l-attriċi, dotarju ta' ħames mitt lira (£500.0.0).

U peress illi minħabba taħwid fl-affarijiet ta' żewġha hemm *il-perikolu li titlef dan id-dotarju* — *wara li jiġu meħuda* l-provvedimenti meħtieġa u magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji, speċjalment dik illi l-posizzjoni ta' żewġha, il-konvenut Carmelo Azzopardi, hija ħażina — talbet li din il-Qorti tiddeċiedi billi tordna s-separazzjoni ta' parti mill-beni ta' żewġha suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-imsemmi dotarju li jammonta għas-somma ta' ħames mitt lira (£500); (2) okkorrendo tinnomina Nutar biex jippubblika l-opportun kuntratt fil-ħin u post li jiġi fissat minn din il-Qorti flimkien ma' kuratur biex jirrappresenta l-eventwali kontumaċi, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru tat-30 ta' Novembru, 1962

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha li biha eċċepew kif sejjer jingħad:—

a) Kwantu għall-konvenuti Paolo Zammit u Adeodato Mifsud, (1) li l-attriċi m'għandiex dritt taġixxi **in forma pauperis** *għaliex għandha proprieta tal-valur ta' ħamsa u* għoxrin lira (£25); (2) li bis-sekwestru Numru 91 tas-sena 1959, maħruġ f'idejn William Leaver bħala Direttur tal-Lottu Pubbliku u oħrajn, l-attriċi talbet li in kawtela tad-drittijiet tagħha għal dotarju, ammontanti għal ħames mitt lira (£500) jiġu depożitati l-Qorti flus li huma kellhom f'idejhom ta' pertinenza ta' żewġha, u l-imsemmi William Leaver nomine, biċ-ċedola numru 354 tal-1961 iddeposita taħt l-awtorita ta' din il-Qorti s-somma ta' mitejn u ħamsa u ħamsin lira xelin u sold (£225.1.1) li ġiet żbankata minnha, bil-kunsens ta' żewġha, fit-18 ta' Marzu, 1961; (3) li l-istat finanzjarju ta' żewġha inħoloq bil-konnivenza tal-attriċi u in frode tad-drittijiet tal-kredituri tiegħu.

b) kwantu għalll-konvenut Dr. Valenzia nomine, li

huwa jagħmel oppożizzjoni għad-domanda peress li l-attriċi għandha tagħti lill-konvenuta Adams minnu rappresentata.

c) kwantu għall-kovenut Carmelo Azzopardi, ir-raġel ta' l-attriċi, li waqt li ma jiċħadx li pprometta dotarju hu m'huwiex f'posizzjoni li jħallas stante li mar lura fl-istat finanzjarju u dan mhux dolożament.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fit-13 ta' Ottubru, 1964 li biha t-talba ta' l-attriċi ġiet respinta u ġie ordnat illi l-ispejjeż relativi għall-eċċezjoni li l-attriċi m'għandiex dritt tipproċedi "in forma pauperis" ikun akkariku taż-żewġ konvenuti li ssollevawha, nofs kull wieħed u l-ispejjeż l-oħra fil-konfront tal-konvenut Carmelo Azzopardi jibqgħu mingħajr taxxa u fil-konfront tal-konvenuti l-oħra jitħallsu mill-attriċi — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti Zammit u Mifsud li l-attriċi m'għandiex dritt tipproċedi **in forma** pauperis għax għandha proprjeta li tiswa b'ħamsa u għoxrin lira (£25) jew iżjed, li huma ma ressqu ebda prova fir-rigward u l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tieħu in konsiderazjoni l-proprjeta dotali tal-attriċi, speċjalment meta huma lanqas ma ġiebu prova tal-valur ta' dak li jista baqa minnha.

Fuq il-meritu.

Li l-attriċi ma ġiebet assolutament ebda prova dwar x'beni għandu żewġha li bis-segragazzjoni tagħhom, jew ta' parti minnhom, jista' jsir tajjeb għad-dotarju ta' ħames mitt lira (£500), minnha pretis skond l-att post nuzjali għand in-Nutar Pellegrini Petit li hi, fix-xhieda tagħha, iddeskriviet bħala antenuzjali, u kif ġie deċis, l-assikurazzjo-

ni tad-dotarju hija nkonċepibbili jekk ir-raġel m'għandux beni x'jassenja lill-mara (Caterina Debono u Carmelo Debono App. 21 ta' April, 1915, Kollez. Vol. XXII, I, 275) u l-ispeċifikazzjoni tas-sostanzi li għandhom jiġu separati u assenjati hija dejjem neċessarja biex jiġu prevenuti frodi u kollużjoni bejn il-konjugi a dannu tal-kredituri tar-raġel (Carmela Debono vs. Paolo Debono, et, P.A. 26 ta' Novembru, 1913, Kollezz. Vol. XXII, II, p. 152, u s-sentenzi l-oħra fiha ċitati).

Illi l-premess huwa waħdu biżżejjed biex juri l-infondatezza u l-inutilità tal-azzjoni presenti minbarra l-fatt li, kif l-attriċi stess stqarret, hija, b'kollużżjoni ma żewġha, wara li kienet issekwestratlu dak li kellu jieħu mingħand William Leaver nomine bħala riċevutur tal-lottu pubbliku, żbankat is-somma kollha depositata, i.e. £255.1.1 u tathielu biex ħallas dik is-somma kollha lil Reno Aquilina, wieħed mill-kredituri tiegħu mingħajr kuntratt, qabel ma dan Aquilina emigra għall-Amerika. Jekk l-attriċi f'dik l-okkażżjoni, u qabel il-presentata tal-odierna ċitazzjoni, abbandonat il-mezz li kellha f'idejha biex tikkawtela ruħha għal parti tant rilevanti mid-dotarju, l-azzjoni odierna ma tidherx ħlief mezz ieħor biex jerġgħu jiġu ostakolati kredituri oħrajn bħal konvenuti Zammit, Mifsud u Adams fir-raġunijiet tagħhom, u dak li l-liġi titlob bħala kondizzjoni huwa dissest ekonomiku fl-affarijiet tar-raġel tali li jipperikola l-interessi tagħha għall-konsegwiment eventwali tad-dotarju, perikolu li ma jistax jiġi mill-Qorti aċċettat bħala ppruvat meta l-attriċi stess ikkontribwiet għalieh fil-mod fuq imsemmi.

Illi barra minn dan l-attriċi stess xehdet li żewġha ġa kellu jagħti minn qabel iż-żwieġ tiegħu magħha u ma ppruvatx li d-dissest tiegħu dak l-element essenzjali ta' dan l-istatut li hu msejjaħ "il venir meno di sostanza" akkada

wara ż-żwieġ. Kif ġie deċiż fis-sentenzi pubblikati fil-Vol. XVI, II p. 241 u XXIX p. 645 fejn ma' jikkonstax li l-istat ekonomiku tar-raġel ikun tbiddel għall-agħar waqt iż-żwieġ, il-mara ma tistax titlob kawteli li hi qatt ma kellha.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha għar-riforma ta' dik is-sentenza billi tiġi konfermata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti Paolo Zammit u Adeodato Mifsud bl-ispejjeż kontra tagħhom, nofs kull wieħed, u revokata fil-kumplament, billi jiġi, inveċe, deċiż, għattenur tat-talbiet ta' l-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposti tal-konvenuti avukat Dottor Arturo Valenzia nomine, Adeodato Mifsud u Paolo Zammit li ssottomettew illi l-istess sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Mill-atti tal-kawża li għalihom saret riferenza (verbal in data 16 ta' Ġunju, 1964) irriżultaw il-fatti segwenti:

B'ċitazzjoni numru 230 tal-25 ta' April, 1959, l-attriċi talbet li tiġi revokata l-esekuzjoni tal-mandat ta' qbid spedit kontra żewġha fit-3 ta' Diċembru, 1957, fuq talba ta' Wilfred u Angela miżżewġin Adams kanonizzati kredituri ta' l-istess żewġha b'sentenza tal-Qorti fuq indikati tas-7 ta' Novembru, 1957, fis-somom ta' mija u ħamsa u erbgħin lira, dsatax il-xelin u sold (£145.19.1), disgħa liri u dsatax il-

xelin (£9.19.0) u żewġ liri, tmientax il-xelin u erbgħa soldi (£2.18.4), rispettivament għal *sorte, spejjeż u lukri, u dan* peress li b dak il-mandat ġew minquta ħwejjeġ esklusivament tagħha. It-talba ġiet milqugħa b'sentenza ta' l-istess Qorti tal-31 ta' Jannar, 1963.

Granet qabel ma għamlet l-imsemmija talba, l-attriċi kienet avanzat talba oħra *kontra żewġha quddiem l-istess* Qorti, b'ċitazjoni numru 268 tal-1959, għal firda tal-beni tagħha tad-dota minn ħwejjeġ ta' żewġha u għall-assikurazzjoni tad-dotarju skond kuntratt in atti Pellegrini Petit tat-30 ta' Ottubru, 1951, u dan għar-raġuni li kienet tinsab f'perikulu li titlef dik id-dota u dak id-dritt tagħha għad-dotarju billi minħabba t-taħwid fl-affarijiet ta' żewġha, kellha raġun taħseb li l-ħwejjeġ tiegħu ma jkunux biżżejjed biex jissoddisfaw l-imsemmijin drittijiet tagħha. Il-kawża mibdija bl-imsemmi att ta' ċitazjoni ġiet imħassra mil-lista fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 1961, peress li meta ssejħet il-kawża għat-trattazzjoni tagħha la dehru l-partijiet u lanqas id-difensuri tagħhom.

Bil-kawża preżenti l-attriċi qegħda tirrepeti t-talba riferibilment għad-dotarju billi qegħda titlob, minħabba taħwid fl-affarijiet tal-konvenut żewġha u l-konsegwenti perikolu li jitlef dak id-dotarju li tiġi ordnata s-separazzjoni ta' parti mill-beni tiegħu suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-istess dotarju.

Mid-dokument fil-fol. 6 tal-proċess tal-kawża fuq indikata, (nru. 268/59) irriżulta li l-attriċi iżżewġet mal-konvenut Carmelo Azzopardi fil-25 ta' Frar, 1951, u ma saritx kitba nuzjali, iżda b'digriet tas-Second'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Ottubru, 1951, hija u żewġha ġew awtorizzati jagħmluha, u dina saret in atti Pellegrini Petit tal-31 ta'

Ottubru, 1951; mil-liema kuntratt jirriżulta illi l-attriċi apportat in dota s-somma ta' tlett mija u wieħed u disgħin lira u ħmistax-il xelin (£391.15.0) konsistenti f'valur ta' oġġetti mobili u żewġha ppromettiela dotarju fis-somma ta' ħames mitt lira (£500).

Bis-sentenza li minnha hemm appell it-talba ta' l-attriċi ġiet respinta għal tliet motivi:

a) Għaliex ma ġibet ebda prova dwar x'beni għandu żewġha li bis-segregazjoni tagħhom, jew ta' parti minnhom, jista jsir tajjeb għall-imsemmi dotarju;

b) Għaliex b'kollużjoni ma żewġha, sbankat, bil-kunsens tiegħu, is-somma li kienet issekwestratlu u tathielu biex iħallas wieħed mill-kredituri u b'hekk abbandunat il-mezz li kellha f'idejha biex tikkawtela ruħha għal parti rilevanti mid-dotarju u kkontribwiet għad-dissest ekonomiku fl-affarijiet ta' żewġha.

c) Għaliex ma rriżultax illi lis-stat ekonomiku ta' żewġha tbiddel għall-agħar waqt iż-żwieġ u ma tistax titlob kawteli li qatt ma kellha.

Kontra dawn il-motivi l-attriċi, fil-petizjoni u fit-trattazzjoni orali ta' l-appell, adduċiet ir-raġunijiet u l-argomenti segwenti:

a) Kontra l-ewwel wieħed —.hi mill-atti taċ-ċedola ta' depożitu fl-ismijiet "Leaver nomine — Azzopardi et" (nru. 98/1959) jirriżulta li tinstab depożitata favur żewġha s-somma ta' tmienja u sebgħin lira u għaxar xelini (£78.10.0) li tista' tiġi lilha assenjata biex tagħmel tajjeb almenu għal parti mill-imsemmi dotarju.

b) Kontra t-tieni. — Li l-kollużjoni bejn l-attriċi u żewġha, avvertita mill-ewwel Qorti, ma rriżultatx; anzi ċ-ċirkostanzi jeskluduha billi l-flus ma marrux għab-beneffiċju tagħha imma, inveċi, biex jiġi mħallas kreditur li l-kreditu tiegħu ma ġie qatt u min ħadd impunjat; kienet hi biss li batit għaliex fil-waqt li kellha d-dritt iżżomm għaliha dawk il-flus ipprivat ruħha minnhom favur kreditur ta' żewġha u dan hu biżżejjed biex juri kemm qatt ma riedet tostakola l-kredituri tiegħu, u dawn ma jistgħux ċertament illum jippretendu li qegħdin jiġu ostakolati bl-azzjoni presenti tagħha in kawtela tad-drittijiet naxxenti mill-kitba taż-żwieġ fuq imsemmija li huma pozjuri, għax anterjuri, għad-drittijiet tagħhom.

c) Kontra t-tielet — Li hija ma kienetx taf li żewġha kellu debiti meta żżewġitu, u, hu kif inhu, dawk id-debiti tħallsu u d-djun lejn Mifsud u Adams ġew kontratti wara: il-posizjoni ekonomika tiegħu fil-bidu taż-żwieġ kienet kwindi tajba u kien ma tul iż-żwieġ li ħżienet u marret għall-agħar.

Kwantu għall-ewwel motiv, r-raġuni miġjuba mill-appellanti għandha t'ġi milqugħa u dana l-ewwel motiv hu kwindi insussistenti; pero dana ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta rriteniet li l-attriċi ma kienetx għamlet il-prova dwar x'beni għandu r-raġel tagħha li bis-segregazzjoni tagħhom, jew ta' parti minnhom, seta jiġi assikurat il-ħlas tad-dotarju, għaliex tabilħaqq fl-ewwel istanza dik il-prova ma saritx, u, inveru, l-istess attriċi xehdet li lanqas ma kienet taf kemm flus ta' żewġha baqgħu sekwestrati taħt l-awtorita tal-Qorti. Il-prova li għad hemm l-imsemmija somma ta' tmienja u sebgħin lira u għaxar xelini (£78.10.0) depożitata fiċ-ċedola fuq riferita saret wara li ġiet pronunċjata s-sentenza li minnha hemm appell.

Kwantu għat-tieni motiv. Illi anke jekk hu veru li l-attriċi kellha f'idejha somma ta' flus li biha setgħet tikkawtela ruħha għal parti rilevanti mid-dotarju u li ddisponiet minnha xort'oħra, b'dan kollu jibqalha dejjem id-dritt li titlob kawtela għal bilanċ u kwindi t-talba tagħha ma tistax tiġi miċħuda fuq dan it-tieni motiv.

Kwantu għat-tielet motiv. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma timmeritax ċensura. L-appellanti talbet is-separazzjoni minħabba l-biża li l-beni ta' żewġha ma jkunux suffiċjenti biex jiggarantula l-ħlas tad-dotarju, u allura, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, hija għandha tipprova li dina l-insuffiċjenza ġrat wara ż-żwieġ u li kellha bħala kawża tagħha d-disordni fl-affarijiet ta' żewġha. Meta ma jiġux pruvati dawn iż-żewġ kondizzjonijiet — tant waħda kemm l-oħra — ma hemmx lok għas-separazjoni (Troplog, Vol. ċitat, 1329; Aubry et Row, Vol V, par. 516; Pacifici Mazzoni, Vol. IV 203 paġ. 410; Fadda Vol. VIII, paġ. 1418, 139). Issa rriżulta, fil-każ preżenti, li r-raġel ta' l-appellanti, fl-epoka taż-żwieġ, ma kellu l-ebda proprjeta; anzi kellu djun. Jista' jkun li, kif xehdet l-appellanti, waqt iż-żwieġ tħallsu xi debiti, imma saru oħrajn u djun kien hemm meta saret il-kitba taż-żwieġ, kif irriżulta mill-atti tal-kawża fuq imsemmija (numru 268/59); anzi hemm forsi lok li wieħed jiddubita jekk dik il-kitba saritx appuntu minħabba t-taħwid, magħruf mill-attriċi, fl-affarijiet ta' żewġha u allura, iġifieri billi lis-stat ekonomiku ta' żewġha ma d'biddelx wara ż-żwieġ — l-insuffiċjenza ta' beni tiegħu ma ġratx wara ż-żwieġ, wara li ġiet magħmula l-imsemmija kitba ta' żwieġ — l-appellanti ma' tistax taġixxi, kif qegħda tagħmel, għall-assikurazzjoni tad-dotarju billi ma tistax titlob kawteli li ma kelliex meta ġie lilha promess dak d-dotarju. F'dan is-sens hi mhux biss id-dottrina u l-ġurisprudenza ċitata imma anke l-ġurisprudenza tagħna kif irriżulta mis-sentenzi ċitati mill-ewwel

Qorti fis-sentenza appellata.

Għaldaqstant tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.